

Brussell, 20 ta' April 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0074 (COD)

7245/1/18
REV 1 ADD 2

PECHE 88
CODEC 405
IA 70

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' April 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2018) 113 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT LI jakkumpanja d-dokument Proposta għal REGOLAMENTO TAL- PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut fl-ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas- sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) 509/2007 u (KE) 1300/2008

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2018) 113 final.

Mehmuż: SWD(2018) 113 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.4.2018
SWD(2018) 113 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi
pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u
għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 li
jistabbilixxi pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku, u li jħassar ir-Regolamenti (KE)
Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) 509/2007 u (KE)
1300/2008**

{COM(2018) 149 final/2} - {SWD(2018) 112 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ u għas-sajd tagħhom fl-ilmijiet tal-Punent tal-UE
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
Għaliex? X'inh i-problema li qed tiġi indirizzata?
Fl-ilmijiet tal-Punent tal-UE, fil-parti l-kbira mis-sajd għall-ħut tal-qiegħ jinqabdu bosta speċijiet flimkien f'sajda waħda. Il-problema hi li r-regoli attwali jħarsu lejn l-opportunitajiet tas-sajd daqslikieku kull speċi tinqabad b'mod separat. Madankollu, fil-verità, bosta speċijiet jinqabdu flimkien, u l-qagħda bijoloġika tal-istokkijiet tal-ħut bi kwoti iktar baxxi tiddependi minn stokkijiet oħra bi kwoti ogħla li jinqabdu fl-istess sajd imħallat. Dan iwassal għal sitwazzjoni fejn, ladarba l-kwoti l-iktar baxxi jiġu eżawriti, is-sajjieda jkomplu billi jistadu għal ħut ieħor bi kwoti ogħla. Madankollu, fix-xbieki tagħhom huma se jibqgħu jaqabdu ħut li l-kwoti tiegħu diġà jkunu ġew eżawriti, u se jibqgħu jiskartawh sal-2019, meta jidhru għalkollox fis-seħħ l-obbligu li l-qabdiet kollha jinħattu l-art. Dan iwassal għas-sajd eċċessiv ta' daww il-istokkijiet tal-ħut bil-kwoti l-iktar baxxi, u jfisser li ma nistgħux inżidu l-għadd ta' stokkijiet mistada b'mod sostenibbli. Sa mill-2019, it-tali qafas ta' governanza ta' kwoti li ma jkunux sinkronizzati ma' xulxin se jwassal għall-għeluq bikri tas-sajd fejn ikun għad hemm il-kwoti disponibbli. It-tali sitwazzjoni tista' twassal ukoll għal nuqqas ta' aċċettazzjoni, min-naħa tal-industrija, tal-ġestjoni ta' dan it-tip ta' sajd.
X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?
Huwa mistenni li, permezz ta' din l-inizjattiva, jinksew qafas ta' ġestjoni li jkun jista' jiżgura li l-istokkijiet tal-ħut fl-ilmijiet tal-Punent ikunu ambjentalment sostenibbli fit-tul, u jkunu ġestiti b'mod li jkun konsistenti mal-oġġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u marbutin mal-impjieg, u li tingħata kontribuzzjoni għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. L-inizjattiva tkun tippermetti li n-natura mħallta ta' dan it-tip ta' sajd fl-ilmijiet tal-Punent titqies x'ħin jiġu stabbiliti l-opportunitajiet u l-kwoti tas-sajd fil-futur, minflok is-sistema attwali ta' kwoti abbażi ta' speċijiet individwali.
X'inh l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE?
L-istokkijiet tal-ħut u l-bastimenti tas-sajd jiċċirkolaw liberament fl-ilmijiet nazzjonali u jaqsmu liberament il-konfini internazzjonali. Għaldaqstant, azzjoni fil-livell tal-Istati Membri individwali biss x'aktarx li ma tkunx effettiva għall-ġestjoni tas-sajd. B'hekk, il-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE huwa li nistgħu niżguraw li jittieħdu miżuri ta' ġestjoni effettivi, li jkunu vinkolanti għall-Istati Membri kollha u għall-bastimenti kollha li jistadu għall-ħut tal-qiegħ fl-ilmijiet tal-Punent. Dan ikun jiżgura li jinkisbu l-oġġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) ta' ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut u tal-kisba ta' benefiċċji ekonomiċi, soċjali u marbutin mal-impjieg.

B. Soluzzjonijiet
Liema huma l-għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li tqiesu? Teżisti għażla ppreferuta jew le? Għaliex?
Ġew ikkunsidrati tliet għażliet: Għażla 1 (Xenarju bażi): Jintużaw l-għodod eżistenti tal-PKS bħall-istabbiliment tal-kwoti u tal-miżuri tekniċi li joħolqu r-regoli (dwar kif u fejn jista' jsir is-sajd), kif ukoll il-pjanijiet eżistenti ta' ġestjoni abbażi ta' speċijiet individwali. Għażla 2: Il-pjanijiet eżistenti jiġu ssostitwiti bi pjan wieħed pluriennali (MAP) għas-sajd imħallat fl-ilmijiet tal-Punent. Għażla 3: Il-pjanijiet eżistenti jiġu ssostitwiti b'żewġ pjanijiet pluriennali għas-sajd imħallat li jkopru l-ilmijiet tal-Majjistral u l-ilmijiet tal-Lbiċ. Kemm għall-elementi obligatorji u kemm għal daww fakoltattivi tal-MAPs, iridu jsiru xi deċiżjonijiet ta' politika. Pereżempju: deċiżjonijiet fuq l-użu tal-meded tal-F_{MSY}, li jista' jkollhom effetti pożittivi jew negattivi, skont l-użu li jsir minnhom. Għal din l-analiżi, l-għażliet 2 u 3 tqabblu max-xenarju bażi, l-għażla 1. Fl-analiżi tqiesu l-impatti ambjentali, soċjoekonomiċi u amministrattivi tagħhom, kif ukoll l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza u l-aċċettabbiltà tagħhom. L-għażla ppreferuta hija li jkun hemm pjan pluriennali wieħed li jkopri l-ilmijiet tal-Punent kollha (l-għażla 2), billi din l-għażla hija l-iktar adegwata biex ikun hemm qafas ta' ġestjoni konsistenti għas-sajd imħallat. Barra minn hekk, din l-għażla tippermetti s-simplifikazzjoni u t-trasparenza, billi l-partijiet ikkonċernati jkollhom pjan ta' ġestjoni wieħed biss x'applikaw, u jkunu jistgħu jiftiehm bejniethom dwar miżuri ta'

reġjonalizzazzjoni.

Min jappoġġa l-għażliet differenti?

Żewġ Stati Membri biss esprimew ruħhom fuq dan fil-konsultazzjoni mmirata, u t-tnejn li huma qablu li pjanijiet pluriennali b'hal dawk tal-għażliet 2 u 3 huma preferibbli flok l-għażla 1, li qisuha ineffettiva jew li għandha tintuża biss b'hal l-aħħar soluzzjoni.

C. L-impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella dawk ewlenin)?

Mhuwiex possibbli li jiġu kkwantifikati l-benefiċċji diretti ekonomiċi jew soċjali tas-sajd sostenibbli, iżda huwa ċert li stokkijiet b'saħħithom jipprovdu l-aqwa sigurtà fit-tul f'termini tad-dħul u tal-impjegi mis-sajd. L-analiżi kwalitattiva turi li l-għażla li jinħoloq pjan pluriennali wieħed għas-sajd imħallat fl-ilmijiet tal-Punent kollha tikseb l-aqwa riżultati b'rabta mal-kriterji li ġejjin:

- l-effikaċja u l-effiċjenza;
- it-tnaqqis tal-piż amministrattiv;
- il-kisba tal-oġġettivi ewlenin ġenerali tal-PAKS;
- il-ħolqien ta' qafas ta' ġestjoni li jiffaċilita l-istabbiltà u l-prevedibbiltà għall-industrija tas-sajd.

L-għażla ppreferuta hija l-aqwa triq 'il quddiem biex tiġi żgurata l-ġestjoni effettiva u sostenibbli tas-sajd imħallat fl-ilmijiet tal-Punent. Fit-tul, minn dan se jibbenefikaw is-sajjieda, l-industrija li tinsab iktar 'l isfel fil-katina tal-attivitajiet (l-ipproċessar u l-bejgħ bl-imnut), u fl-aħħar mill-aħħar il-konsumaturi.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella dawk ewlenin)?

Fejn jidhru l-impatti ambjentali, meta mqabbel mal-qagħda attwali, l-eżitu jista' jkun biss pożittiv. Mhuwiex possibbli li jiġu kkwantifikati l-impatti diretti negattivi, ekonomiċi jew soċjali u fuq terminu qasir, li jirriżultaw minn MAP wieħed jew minn żewġ MAPs, iżda l-impatti negattivi mistennija jkunu minuri fuq terminu qasir, u huwa mistenni li jingħelbu mill-impatti pożittivi fit-tul. Jitqies li bl-għażla ppreferuta ta' MAP wieħed għall-ilmijiet tal-Punent ikun hemm inqas kostijiet amministrattivi. Il-MAP se jistabbilixxi l-qafas meħtieġ għal ġestjoni sostenibbli b'mod konsistenti mal-oġġettiv tal-politika. Il-ġestjoni tas-sajd diġà qiegħda ssir, u l-inizjattiva sempliċment se tkun qiegħda ttejjeb il-qafas.

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

Bil-qagħda attwali, il-flotot tas-sajd iġarrbu direttament il-kostijiet miżjuda tas-sajd, u fl-istess ħin ibatu l-konsegwenzi immedjati tar-rendimenti baxxi tas-sajd, kif ukoll it-tnaqqis fil-kwoti minħabba l-ħtieġa li jerġgħu jirkupraw l-istokkijiet. Ir-rendimenti baxxi u l-prestazzjoni ekonomika batuta se jolqtu wkoll lill-industrija relatati li jinsabu iktar 'l isfel fil-katina tal-attivitajiet. Il-maġġoranza l-kbira tan-negozji tas-sajd fis-settur tal-qbid huma intrapriżi żgħira jew ta' daqs medju (SMEs), jew saħansitra mikrointrapriżi. Madwar 99,5 % tal-intrapriżi għandhom ħames bastimenti jew inqas, u jimpjegaw madwar 10 membri tal-ekwipaġġ jew inqas; filwaqt li madwar 92 % tal-flotot għandhom bastiment wieħed biss, u jimpjegaw xi żewġ membri tal-ekwipaġġ (il-mikrointrapriżi). B'mod ġenerali, l-impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi tal-inizjattiva se jkunu pożittivi fit-terminu medju u fit-tul, billi hu mistenni li maż-żmien l-istokkijiet jiżdiedu u jsiru iktar b'saħħithom. Iż-żieda fl-istokkijiet se tagħti lok għal żieda fil-kwoti tas-sajd għal din l-industrija, u min-naħa tagħha, din se ttejjeb u tistabbilizza d-dħul tas-sajjieda.

Se jkun hemm xi impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Le, l-inizjattiva se trendi l-qafas ta' ġestjoni eżistenti aktar effettiv mingħajr ma jkollha impatt sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali.

Se jkun hemm xi impatti sinifikanti oħra?

L-inizjattiva se tissimplifika l-ġestjoni tas-sajd fl-ilmijiet tal-Punent billi tikkombina għadd ta' speċijiet u ta' tipi ta' sajd fi pjan wieħed. Se tagħti l-frott ukoll fejn tidhru ir-reġjonalizzazzjoni, li hija pilastru ewleni tal-Politika Komuni

tas-Sajd, u li għandha l-għan li tiffoka fuq miri u objettivi ġenerali fil-livell tal-UE, filwaqt li tħalli l-implimentazzjoni konkreta f'idejn il-gruppi reġjonali tal-Istati Membri, sabiex ikunu jistgħu jittqiesu l-ispeċifitajiet reġjonali.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Jekk wieħed jassumi li l-MAP għas-sajd tal-ħut tal-qiegħ fl-ilmijiet tal-Punent tal-UE jiġi adottat sa tmiem l-2018, l-ewwel valutazzjoni tkun tista' ssir sa tmiem l-2023.